**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 933 / 2015**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Jeffrey Cassar**

Illum 22 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Jeffrey Cassar detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 258584(M) u resident gewwa 42, Margrace, Darnino Square, Naxxar, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Novembru 2015 ghal habta tal-hamsa t' a wara nofs in-nhar (05:00p.m.) u fil-granet ta' wara minn gewwa s-Swieqi u/jew vicinanzi:

> B' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda (Art. 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

> B' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeghda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'

hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor (Art. 308 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel xi qligh iehor b' qerq. (Art. 309, 310(b) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat liema ammont tal-affarijiet jaqbez dak ta' Euro 2,329, ghad dannu ta' Raphael Azzopardi. (Art. 293 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli f' dawn l-ahhar xhur naqas milli jhares kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li bih inghata il-helsien mill-arrest;

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Akkuzat aktar talli kiser Ordni ta' Probation mghotija nhar l-04 ta' April 2013 mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-20 ta' Gunju, 2022, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Jeffrey Cassar hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kwindi illiberatu minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fit-12 ta' Lulju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotta kontrih, u minflok tghaddi biex issib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet skond il-ligi u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat illi fit-23 ta' Gunju, 2022, l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha hawn fuq riferita, *inter alia* ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba quddiemha, li fil-fatt waslet ghal-helsien tal-appellat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, nonche sahhet il-konkluzjoni taghha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell:

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih in bazi li:-

*"Illi mir-rizultanzi processwali u fuq skorta tal-gurisprudenza enuncjata jista' jirrizulta biss ir-reat previst bl-artikolu 309 talKodici Kriminali u cioe' l-frodi innominat. F' dan il-kaz u kif diga' ntqal, ma jirrizultax li l-imputat ghamel uzu ta' xi artifizji jew raggiri jew ta' xi apparat estern iehor li rrivesta bi kredibilita' laffermazzjonijiet qarrieqa. Il-parti leza ghazel li jghaddi l-gojjelli lill-imputat semplicement abbazi li kien jafu. Ma giex bl-ebda mod ippruvat mill-prosekuzzjoni illi dak li ntqal fl-istqarrija tal-imputat u cioe' li gie sussegwentement derubat mill-gojjelli, kienet gidba. Illi rrizulta illi frott it-tahwid tal-imputat fil-hajja tieghu, dan gie maqbud f' hafna tgerfix li mbaghad ghamluwhielu*

*difficli ferm biex ihallas il-flus ta' dawn id-dehbijiet. Fil-fatt tul il-mori talproceduri rnexxielu jhallas nofs dan l-ammont. Pero' din il-Qorti qed taraha difficli wkoll illi tqis li dan ir-reat kontemplat taht lArtikolu 309 jigi ppruvat."*

Illi l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma din il-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f' dan il-kaz.

L-esponent jibda billi jaghmel referenza ghas-sentenza ' **Il-Pulizija vs Charles Cutajar'** fejn il-Qorti ghamlet studju funditus dwar l-elementi kostittutivi tar-reat previst blartikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali: *"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u issuggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad lelement materjali ta' dana ir-reat u cioe' l' uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri ittelf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dole jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti...."*

Illi b' referenza ghal-Artikolu 293 tal-Kap 9, l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni'** (deciza fid-9 ta' Gunju 1998), il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dana ir-reat u qalet: *"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b' mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi fil-kaz odjern, Cassar ghal aktar minn darba, mar il-hanut ta' Azzopardi sabiex skond il-verzjoni tieghu, jixtri rigal ghal-gharusa tieghu fejn skond Cassar,

ma setghtax tattendi il-hanut sabiex taghmel l-ghazla taghha. Ghat-tiena darba rega mar fl-istess hanut fejn din id-darba sostna illi n-nanna tieghu riedet tixtri rigal ghal-gharusa tieghu pero' l-anqas n-nanna ma setghat tattendi il-hanut sabiex taghmel l-ghazla taghha. Hekk kif Azzopardi kien jaf lil Cassar, ftemu sabiex Cassar jiehu il-gojjellerija mieghu sabiex l-gharusa tieghu taghmel l-ghazla taghha, izda bil-ftehiem illi dawn jergghu jirritornaw lura lil Azzopardi. Illi Cassar rega mar il-hanut ta' Azzopardi, din id-darba ma' tfajla fejn bidlet ic-curkett, izda Cassar la hallas ghal-gojjellerija li kien ha u wisq inqas irritornah lura ghand Azzopardi.

Illi Cassar, ircieva deheb li jammonta ghal €4554 li kien jikkonsisti f' curkett, par imsielet u 3 brazuletti u dan hekk kif jidher fl-istima maghmulha minn Azzopardi stess ,markata bhala RA1, meta dan id-deheb gie mghoddi lil Cassar. L-appellat jidher li fehem il-ftehiem li kellu ma Azzopardi ben car hekk kif hu ikkonferma illi kellu jroddlu d-deheb lura f-istqarrija tieghu. L-appellat ma zammx ma dan il-ftehiem u eventwalment zamm din il-gojjellerija minghajr ma hallas l-ebda ammont ghalih. Ergo, Cassar dawwar dan id-deheb li kienet propjeta ta' Azzopardi bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi b' referenza ghal-istqarrija ta' Cassar fejn gie sostnut illi dan d-deheb gie misruq, il-Qorti sostniet ill bl-ebda mod ma gie ippruvat mill-prosekuzzjoni illi dak li ntqal kienet gidba. Hekk kif gie ikkonfermat mill-istess Cassar fl-istqarrija tieghu, hu ma ghamel l-ebda rapport illi dan id-deheb gie misruq. llli huwa fatt risaput illi minn jallega irid jipprova u f' dan il-kaz kellu jkun Cassar illi jipprova li dawn l-oggetti vera gew misruqa.

Illi di piu, irrid jinghad ukoll illi matul il-mori tal-proceduri li hadu snin, *inter alia* ghar-raguni illi l-appellat ma bidiex jattendi ghas-seduti quddiem l-Onnorabbli Qorti, xorta wahda Cassar ghadu ma hallasx l-ammont shih u cioe erbat elef,

hames mija u erbgha u hamsin ewro (€4554) u dan wara aktar minn seba snin li sar r-reat. Illi l-ewwel Qorti sostniet illi frott it-tahwid tal-appellat fil-hajja tieghu, dan gie maqbud f' hafna tgerfix li mbghad ghamluwielu difficli ferm sabiex ihallas dawn id-dehebijiet. Illi l-esponent hu tal-fehema illi mhux gust li kagun tal-problemi ta' Cassar spicca jbati haddiehor. Wara dawn is-snin kollha, Azzopardi baqa jbati l-konsegwenzi u dan stante rizultat tal-agir ta' Cassar. Illi hekk kif turi l-fedina penali ta' Cassar, l-appellat rrenda ruhu recediv u dan hekk kif turi l-fedina penali voluminuza tieghu kif ukoll is-sentenza mmarkata bhala TM7 prezentata mill-prosekuzzjoni matul il-proceduri odjerni.

Illi Cassar, matul dawn s-snin kellu kull opportunita illi jhallas l-ammont dovut lil Azzopardi, izda dan juri bic-car illi m' hemmx rieda illi Cassar jirratifika l-pusizzjoni tieghu ma' Azzopardi.

Illi, ghaldaqstant, mir-rizultanzi processwali u *in vista* tas-suespost, l-esponent umilment jemmen illi l-esponent ma kellux jigi illiberat.

Semghet lill-partijiet jitrattaw dan l-appell fis-seduta tal-25 t'Ottubru, 2022.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali fil-qosor, hu s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi fuq l-iskorta tal-fatti quddiemha u minhabba f'hekk l-ewwel Qorti ghaddiet biex tillibera lill appellat

Jeffrey Casar minn kull imputazzjoni u piena. U f'dan l-appell l-Avukat Generali talab illi ssir revoka ta' dik is-sentenza moghtija nhar l-20 ta' Gunju, 2022 billi tirrevokha f'dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lill-appellat minn kull imputazzjoni u minflok issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha u tghaddi biex tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Ghalhekk in vista ta' dak li talab l-Avukat Generali din il-Qorti kellha tghamel apprezzament tal-fatti kollha li gew imressqa quddiemha biex tara jekk in effetti l-ewwel Qorti kienitx zbaljata fil-gudizzju taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi nhar l-14 ta' Novembru, 2016[1] l-allura **Spettur Trevor Micallef** xehed u spjega li nhar il-21 ta' Novembru, 2015 ghall-habta tat-8.20 a.m kien mar jghamel rapport gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan certu Raphael Azzopardi fil-kapacita tieghu ta' sid tal-hanut Raphael Azzopardi Jewellers ta' Triq il-Uqija, Swieqi fejn dan irraporta li fit-13 ta' Novembru, 2015 ghall-habta tal-5.00p.m. kien mar Jeffrey Cassar li gharaf prezenti fl-awla fejn dan talbu biex jara xi dehbijiet. Dan tah n-numru tal-karta ta' identita tieghu u n-numru tal-mobile tieghu. Talbu sabiex juri d-deheb lit-tfajla tieghu li suppost kienet qeghda barra u kellu jirritornhom. Dan hallih johrog bihom ra li ghadda certu hin u li ma regax mar bihom. Dan cempel lill-appellat u qallu li kien ser igibhomlu lura it-Tnejn. Jum it-Tnejn rega ma marx bihom u kien ghalhekk li mar jghamel ir-rapport tieghu gewwa l-ghassa.
Ix-xhud jghid li sar jaf li dan Jeffrey kien qed jiffirma l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta u dak il-hin kien proprju ser jiffirma u ghalhekk talab lill-pulizija ta' l-

[1] Fol. 34 ta' l-atti

ghassa biex izommuh sakemm imur ghalih pulizija mill-ghassa ta' San Giljan biex jigbru.

Kien hemm pulizija li mar ghalih u hadu l-ghassa ta' San Giljan u dan gie mitkellem mix-xhud. Dan irrilaxxja stqarrija li giet esebita u markata bhala dok TM5[2]. Jghid li fil-fatt l-appellat kien qallu li verament kien ha xi gojjellerija u dan f'iktar minn okkazzjoni wahda pero il-jum ta' meta kellu jirritorna id-deheb kien ghadu ma wasalx. Huwa rega tkellem mas-sur Azzopardi li kkonferma li dak li kien qal l-appellat dwar il-jum kien minnu u li ghalhekk l-pulizija kienet ser tohrog charge ta' rapport falz fil-konfront ta' Azzopadi. Pero waslet dik il-gurnata u l-apellat ma irritornax id-deheb u qal lix-xhud li kien tahom lil wahda mara u din hadithomlu. L-appellat stqar li kien ser ibiegh il-vettura biex ihallas lil Azzopardi izda dan ma sehhx. Imbaghad beda jipprova jikkomunika ma l-appellat biex jara kif kienu ser jibqghu u ma bedhiex jiehu t-telefonati u ghalhekk hareg l-akkuzi odjerni u dik fil-konfront tal-kwerelant ma harighiex.

Mistoqsi mid-difiza jekk kienx minnu li kien sid il-hanut li ghaddhielu id-deheb jghid li iva izda ghamel hekk sabiex l-appellat juri dan id-deheb lit-tfajla u kellu jirritorna dak id-deheb li ma kienx ser izomm. Mistoqsi jekk l-kwerelanti kienx ghamel rapport ta' serq ix-xhud iwiegeb fin-negattiv u jghid li lill-pulizija qallu ghall-ewwel li l-appellat kellu jirritorna id-deheb nhar it-13 meta fil-fatt l-appellat kellu sat-28 ta' Novembru biex jirritorna dak id-deheb li ma kienx ser izomm. Huwa esebixxa ukoll sentenza moghtija mill-Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet premessi nhar il-15 ta' Lulju, 2015 ai fini tar-recidiva u din giet markata bhala dok TM7[3].

---

[2] Fol. 30 tal-atti
[3] Fol. 37 tal-atti

Nhar l-14 ta' Novembru, 2016 xehed il-kwerelanti **Raphael Azzopardi** u dan stqarr li ghandu hanut tal-gojjellerija tad-deheb gewwa Ta' l-Ibragg imsemmi Raphael Azzopardi u kkonferma li s-sena ta' qabel kien ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan. Jekk jiftakar sew il-jum kien it-13 ta' Novembru, 2015. Spjega li kien mar Jeffrey Cassar. Mistoqsi jekk kienx jafu jghid li jafu ghaliex kien jahdem mal-mechanic tieghu fuq id-dghajsa li kellu u fil-fatt gharfu bhala l-akkuzat prezenti fl-awla. Qal li dan Cassar qallu li xtaq jixtri xi haga ghat-tfajla tieghu wara li spiccat fis-sodda minhabba incident tat-traffiku. Huwa offrilu li itih zewg brazuletti biex ikun jista jghazel wiehed minnhom. L-appellat qallu li kien ser imur lura bihom. Jum is-Sibt rega mar u qallu li nantu xtaqet tixtri par imsielet u curkett. Ghalhekk Azzopardi spicca tahomlu ukoll biex jurihom lin-nanna biex tghazel hi ukoll. Qallu li kien ser imur l-gimgha id-diehla biex ihalsu ghaliex is-Sibt jahdem nofs ta' nhar.

Xi erbat ijiem wara kien cempillu u talbu d-deheb u dan qallu li kien ser imur mat-tfajla tieghu u mar ma tifel u qallu li xtaq ibiddel curkett minnhom tah ic-curkett u tah wiehed differenti u qallu biex ma jsemmix prezzijiet quddiem it-tfajla ghaliex kien ser ikun *surprise*. Qallu li kien ser imur ihalsu wara nofsinhar. Izda dan ma marx u lanqas l-ghada ma tfacca. Rega cempillu qallu li kien ser imur izda baqa' ma marx. Huwa esebixxa ricevuta tal-affarijiet li kien tah liema ricevuta giet markata bhala dok RA1[4]. Wara xi zmien l-appellat qallu li biegh il-karozza u kellu isarraf cheque u li kien ser imur ihalsu izda baqa' ma marx. Dakinhar kien jum il-Gimgha u tah kopja tal- karta ta' identia tieghu u kopja tal-ETC[5]. Jghid li t-total tal-valur ta' dawn l-oggetti kien €4,554. Qal li huwa kien ha dawn iz-zewg dokumenti mieghu l-ghassa meta ghamel ir-rapport. Minn dak in-nhar 'l quddiem la ra lill-appellat u lanqas ma rega ra d-deheb. Huwa esebixxa in-notamenti tieghu li gew markati bhala dok RA 3[6].

---

[4] Fol. 49 tal-atti
[5] Dok RA2 a fol. 50
[6] Fol. 51 tal-atti

**PC 1320 Sean Axiaq** xehed nhar id-19 ta' Dicembru 2016[7] u spjega li nhar il-21 ta' Novembru 2015 kien mar Raphael Azzopardi l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan jirraporta li l-appellat kien dahal fil-hanut tieghu u talbu xi oggetti tad-deheb biex jixtri ghat-tfajla tieghu. Skond ma kien qal Azzopardi dan l-appellat kien tah kopja tal-karta ta' identita tieghu u n-numru tal-mobile phone. Izda dan kellu johrog barra biex jurihom lit-tfajla izda wara li hareg mill-hanut ma regax dahal bihom gewwa. Qal li Azzopardi kien ipprova kemm il-darba biex jikkomunika mal-appellat dwar id-deheb izda kollox kien ghal xejn. Qal ukoll li Raphael kien ammetta mieghu li Azzopardi kellu ihalsu ta' kollox nhar it-23 ta' Lulju, 2015 Azzopardi kien qallu li l-valur tal-oggetti li kien zamm l-appellat kien 'l fuq minn €4,000. Rega ghamel kuntatt mieghu sabiex jara jekk kienx mar ihalsu fit-23 ta' Lulju, 2015 u sat 28 ta' Lulju, u 2015 ma kienx ghadu mar ihalsu. Mistoqsi jekk Azzopardi kienx irraporta li l-appellat kien serqu jghid li iva.

Rat li l-appellat ma xehdx u ma ressaq l-ebda provi ghad difiza tieghu salv li rrilaxxja l-istqarrija nhar il-21 ta' Novembru 2015[8]. L-appellat stqarr u kkonferma dak li qal il-*part civile* li huwa jahdem bhala panel beater u sprayer u jghin lil zijuh. Stqarr ukoll li verament kien jghin liz-ziju tieghu jahdem fuq id-dghajsa tal-*parte civile*. Qal li verament kien mar fil-hanut tal-*parte civile* u li dan ghaddhielu tlett icpiepet, curkett u par imsilet sabiex jurihom lit-tfajla ghaliex kellha l-birthday u dak li ma kienx ser izomm kellu jirritornah lura. Jghid li l-appellat kiteb dak li kien ha u telaq 'l hemm. Jghid lit-tfajla ghogbitha c-curkett u l-imsielet. Ic-curkett pero giha kbir u jumejn wara mar u partu u gabu s-size taghha. Qal li in segwitu kellu relazzjoni ma wahda Rumena u waqt il kien il-Belt maghha fil-karozza din qabdet u haditlu d-deheb. Mistoqsi jekk ghamilx rapport li din ir-Rumena serqitu jghid li le ghax beza li ssir taf it-tfajla tieghu. Jghid li

[7] Fol. 53 et seq
[8] Fol. 30 Dok TM5

huwa minnu li l-parte civile cempillu diversi drabi biex johodlu l-oggetti tad-deheb u kien ghalhekk li tah il-kopja tal-karta ta' identita tieghu. Qal li huwa kellu karozza bil-pjanci tal-Ingilterra u kien bieghha ghas-somma ta' €6,000 u kien thallas b'cekk tal-BOV u mar isarfu l-APS u peress li jdumu tlett ijiem kien qal lill-parte civile li kien ser iur ihalsu jum it-Tnejn.

Rat il-verbali tal-Qorti u appuntu dak datat 3 ta' Lulju 2017[9], dak datat 4 ta' Dicembru 2017[10], dak datat 15 ta' Jannar, 2018[11], dak tat-23 ta' April 2018[12], dak tal-15 ta' Ottubru 2011,[13] dak tal- 4 ta' Frar 2019[14], dak tal- 11 ta' Marzu 2019[15], dak tas-16 ta' Settembru 2019[16] , dak tat-2 ta' Dicembru 2019[17]minn fejn jirrizulta li l-appellat ghamel xi pagamenti li gew mghoddija lill-kwerelant u cioe fit-totalita ta' €1,750 u ghalhekk kien ghad fadal bilanc ta'€2,120 kif stqarr Raphael Azzopardi stess nhar it-2 ta' Dicembru, 2019.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellat kien gie akkuzat bir-reati ta' frodi kif dispost fl-artikolu 308 u 309 tal-kodici kriminali u ta' inappioprazjoni indebita skond l-artikolu 293 ta' l-istess kodici u dan b'mod alternattiv. Oltre li gie akkuzat li naqas li jobdi kundizzjoni imposta fid-digriet tal-liberta provizorja u talli huwa recidiv.
Illi inkwantu ghall-mertu jinghad li d-differenza bejn ir-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.[18]

---

[9] Fol. 57 tal-atti
[10] Fol. 58 tal-atti
[11] Fol. 59 tal-atti
[12] Fol. 50 tal-atti
[13] Fol. 62 tal-atti
[14] Fol. 63 tal-atti
[15] Fol. 64 tal-atti
[16] Fol. 65 tal-atti
[17] Fol. 66 tal-atti
[18] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011

Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi nnominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)[19].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[20] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid *pero li nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[21].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[22]*.Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marjanu Zahra.*[23]*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa*

---

[19] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[20] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356
[21] Op cit pagna 357
[22] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997
[23] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".* Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd. Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeghda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti *"illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*
*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza talfalsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz*

*ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik ilforma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan.*

*Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la*

*volonta/accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri talfrodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar- "raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Illi inkwantu ghall-mertu tal-kaz, referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Debono:**

"Illi sentenza fejn il-fattispecje taghha kienu jirrigwardaw proprju cekk mhux onorat hija dik moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuele Vella** deciza fl-20 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti stqarret:

*"Issa dak li ghamel l-appellant cioe' li hareg cekk meta fil-kont ma kellux fondi, ghalkemm certament kien hemm l-element tal-qerq ma jistax jinghad li f'dana il-kaz induca lil xi hadd milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bi hsara ghal dak ix-xi hadd u bi qliegh ghalih."*

*Il-Qorti tkompli tispjega illi fi kliem iehor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness mehtieg bejn il-qerq adoperat mill-imputat u xi att ta' kummissjoni*

*jew ommissjoni da parti tal-parti leza. Il-Qorti izzid illi peress illi dana inness huwa ukoll mehtieg ghall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 lanqas ma jista jissussisti f'dana il-kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309. F'dana il-kaz ghalhekk l-element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tat-truffa u cioe' illi bl-agir tat-truffatur huwa ikun induca lill-vittma fi zball li permezz ta' dana l-izball il-vittma jaghmel jew jonoqs milli jaghmel xi haga bil-konsegwenza li issofri telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-agent certament ma jissussistiex f'dana il-kaz."*

Mehud in kunsiderazzjoni l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni abinati mal-gurisprudenza u l-insenjamenti fuq citati, huwa evidenti li l-kwistjonijiet bejn il-parte civile u l-appellat ma hiex wahda ta' frodi. L-elementi necessarji li jehtiegu li jigu ppruvati sabiex jissussisti r-reati addebitati fil-konfront tal-appellat huma neqsin. F'dan il-kaz ma rrizultaw li saru l-ebda raggiri fil-konfront ta' Raphael Azzopardi jew xi qliegh b'qerq iehor. Dan billi fl-ewwel lok kien hemm ftehim bejn il-partijiet; u fit-tieni lok, jirrizulta li dan il-ftehim ma giex onorat pero zgur li l-appellat ma qabadx u ha c-cekkijiet ad insaputa tal-parte civile ghax kollox sar bl-approvazzjoni tieghu sempliciment fuq kelma tal-istess appellat li ried juri id-deheb lit-tfajla u lil nantu. Li gara hu li ma rritornax lura dawn id-dehebijiet. Dan ma jfissirx li ma sehx reat iehor.

Fil-fatt l-appellat gie ukoll akkuzat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Mill-ġurisprudenza nostrali jirriżulta li[24] l-estremi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita huma s-segwenti:

[24] Il-Pulizija v. Marbeck Cremona, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Frar 2007

1. Il-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk biex ma jkunxhemm ekwivoċità li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil aġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula con l'animo di spostasri del possesso, għaxaltrimenti jiffigura mhux ir-reat ta' l-approprjazzjoni indebita, imma s-serq;
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominjucioè tal-proprjetà għaliex f'dan il-każ ma jiffigurax l-element ta' l-azzjoni indebita;
3. L-oġġett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu l-ħaġa cioè jappropprjaruħu minnha, jew jbiegħha, jew jiddistruġġiha a proprio commodo o vantaggio;
5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikunhemm id-dannu patrimonjali kawżat lill-proprjetarju li fil-konfront tiegħu tkun saret l-approprjazzjoni indebita.

Fir-rigward ta' dan l-aħħar element, ġie osservat mill-Qrati nostrali li: hemm teoriji li appena s-suġġett attiv tar-reat idawwar bi profitt għalih l-oġġett, dan minnu innifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali[25].

Minn dawn l-elementi jirrizulta ċar li r-reat ta' approprjazzjoni ndebita huwa konċepit mhux biss fuq l-abbuż ta' fiduċja imma fuq il-fatt li persuna tagħmel użu bi profitt għaliha minnoġġett li jappartjeni lil ħaddieħor liema ħaddieħor ikun fada dak l-oġġett f'idejn is-suġġett passiv f'wieħed miċ-ċirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodiċi tagħna[26].

[25] l-Pulizija v. Marbeck Cremona, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti taĠ 'udikatura Kriminali fil-15 ta 'Frar 2007.
[26] Ibid

Ifissergħalhekk li biex jirriżulta r-reat ta' approprazzjoni indebita irid ikun hemm konversjoni uhemm konversjoni inter alia meta l-ħati jkun irċieva l-ħaġa biex minnha jagħmel użu determinat u minflok jikkommettiha għal benefiċċju tiegħu stess jew jiddisponi mill-ħaġa kuntrarjament għall-pattijiet stipulati *in buona fede.*

Sabiex jissussisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita irid ikun hemm ukoll l-element doluż. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joanne Sciberras** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar 2018, fejn appuntu ġie osservat:_

*illi a costituire il delitto di appropriazione indebita è necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del*

*suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perchè non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; 'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza è costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo. Issir referenza ukoll għad-deċiżjoni "The Police v. Arthur Arakelyan: Consequently, for the Prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains: "La vera essenza de reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abbuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, e arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio". … The key phrases in the law lie in the words "under a title which implies an obligation" and "to make use thereof for a specific purpose" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. … Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.*

Hawn il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Gauci,** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-

14 ta' Frar 1997[27]: minn eżami ta'l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frażi:

*"… taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu… li jsir użu minnha speċifikat …" . Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-ħaġa lill-aġent u minn ħadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaġa u ħaddħliefha li jkollha jekk timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-aġent dwar kif ikollu jagħmelużu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karità. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karità, apparti l-kwistjoni tal-moralità. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel użu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il-ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-aġent ma jkunx għamel mill-ħaġa dak l-użu jew użu divers.*

Meta l-fatti ta' dan il-każ u l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati, il-Qorti hija tal-fehma li bla dubju ta xejn tirriżulta ħtija da parte ta' l-imputat għar-reat ta' approprjazzjoni indebita kif lilu addebitat bl-imputazzjoni. Huwa evidenti li bil-provi prodotti l-Prosekuzzjoni kif ukoll minn dak li stqarr l-appellat fl-istqarrija tieghu stess il-prosekuzzjoni rnexxielha lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-appellat b'xi mod għamel użu divers minn dak speċifikat għal benefiċċju tiegħu stess. Jirrizulta li l-appellat ha pussess tal-oggetti tad-deheb b'mod volontarju minghand il-parte civile pero huwa ma hallasx taghhom kif kien obbligat li jaghmel. Il-parte civile ghadda l-oggetti tad-

[27] Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta - Volum LXXXI - iv - 114

deheb lill-appellat taht il-premessa li kien ser jurihom lit-tfajla u lil nantu biex imbaghad ihalsu ta' dak li kien ser izomm u jirritorna dawk l-oggetti li ma kienx ser izomm. Minflok ghogbu izomm kollox ghalih bla ma kkumpensa lill-kwerelanti ta' dak li gie mghoddi lilu. Din il-Qorti ma temminx l-ispjegazzjoni mghotija mill-appellat fl-istqarrija tieghu li gie derubat u dan ghaliex fl-atti ma hemm l-ebda prova ckejkna li kien sehh dan u korroborazzjoni ta' din l-allegazzjoni ma hemmx.

Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-gudizzju taghha fir-rigward ta' din it-tielet akkuza.

Dwar ir-raba' akkuza u cioe li gie akkuzat li kiser kundizzjoni moghtija lilu fid-digriet tal-liberta' provizorja din l-akkuza ma tirrizultax lanqas remotament u dan ghaliex fl-atti ma gie esebit l-ebda digriet fejn hemm xi kundizzjonijiet moghtija lill-appellat ghal liberta' provizorja tieghu u ghalhekk din l-akkuza ghamlet sewwa l-ewwel Qorti li ma sabitux hati taghha.

Dwar l-akkuza tar-recidiva, din il-qorti rat is-sentenza esebita fl-atti a fol. 37 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Jeffrey Cassar</u>** bil-karta ta' identita numru 258584M fejn gie kkundannat sitt xhur prigunerija nhar il-15 ta' Lulju, 2015. Rat li r-reat inkwistjoni sehh bejn il-21 u it-28 ta' Lulju 2015 u ghalhekk l-akkuza tar-recidiva tirrizulta ukoll.

Din il-Qorti ghalhekk qeghda wara li rat l-artikoli 49, 50 u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' t-talba tal-Avukat Generali sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti b'dan illi qed issibu hati tat-tielet akkuza u talli huwa recidiv u tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.

Il-Qorti ma tistax tordna li ai fini tal-artikoli 15A u 532A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta lill-appellat ihallas lill-kwerelanti s-somma ta' €2,120 bhala bilanc mill-valur tal-oggetti li gew misapproprijati minnu stante li tali disposizzjonijiet tal-ligi gew in vigore wara li sehh ir- reat in desamina.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur